MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2011

Appell Kriminali Numru. 432/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**

**v.**

**Paul Micallef**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjoni kontra Paul Micallef iben Anthony u Maria Giovanna xebba Chircop imwieled fit-03/07/1985 Pieta` u joqghod 40, St Mary, Triq San Gwann l-Ghammied, Rabat, ID 384485(M) fejn gie akkuzat talli nhar is-17 ta' Jannar 2010 ghall-habta tal-11:00hrs gewwa l-Ahrax tal-Melieha, Mellieha b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti jew bi traskuragni jew b'nuqqas fil-hila tieghu, waqt li kien ghall-kacca ta' l-ghasafar, spara u qatel hamiema b'dannu ghal Victor Agius u kkagunalu hsara li tammonta bejn €7500 u €10000.Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Ottubru, 2010 li permezz

taghha dik il-Qorti sabet lill-imputat Paul Micallef hati u kkundannatu ghall-piena ta’ multa ta’ elf Euro (€1000).

**2.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Paul Micallef minnu prezentat fil-15 ta’ Ottubru 2010, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u li f’kaz li l-appell tieghu ma jigix akkolt u s-sentenza appellata tigi konfermata jinghata zmien sabiex ihallas il-multa fuqu inflitta.

**3.** Rat l-atti u d-dokumenti esebiti u semghet ix-xhieda.

**4.** Semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**5.** Il-fatti tal-kaz jistghu jigu riassunti kif gej:

Fis-17 ta’ Jannar 2010 ghall-habta tal-11.00 am Victor Agius, li kien mal-habib tieghu Daniel Spiteri, kien qieghed l-Ahrax tal-Mellieha jitlaq il-hamiem tieghu. Kien miftuh l-istagun tal-kacca. Wara li kien telaq xi sitt hamiem minghajr ma gara xejn x’hin Victor Agius telaq is-seba’ wahda sema tir ta’ senter u ra l-hamiema tieghu taqa’ fuq il-blat fl-irdum. Dak il-mument  Victor Agius lemah lill-imputat bis-senter f’idejh u huwa kkonfrontah billi qallu li kien qatillu l-hamiema. L-imputat kien akkumpanjat minn certu Robert Mifsud. Victor Agius, Daniel Spiteri u l-imputat umbghad marru l-ghassa jaghmlu rapport. Xi jumejn wara Victor Agius mar fuq il-post u sab il-hamiema tieghu mejta.

**6.** L-aggravji tal-appellant jistghu jigu sintesizzati kif gej:

(1) illi ma giex pruvat sal-gad rikjest mil-ligi u cioe minghajr kull dubbju ragonevoli illi l-appellant ikkawza hsara involontarja lil Victor Agius ghaliex filwaqt li dan jallega li l-appellant qatel il-hamiema tieghu l-imputat isostni li huwa spara fuq gamiema.

(2) ma ngibitx l-ahjar prova tal-valur tal-hamiema li nqatlet peress li l-valur gie moghti minn xhud li qatt ma gie nominat espert mill-Qorti.

**7. L-ewwel aggravju** jikkonsisti essenzjalment f'nuqqas ta' qbil da parti tal-appellant mal-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi prodotti. F'dan il-kaz il-Qorti semghet hi stess ix-xhieda li kienu gew prodotti quddiem l-ewwel Qorti ghalhekk qieghdha f'pozizzjoni ahjar li taghmel hi stess apprezzament taghhom.

**8.** Victor Agius xehed li wara li ntlaqtet il-hamiema tieghu huwa mar fuq l-imputat u qallu li kien qatillu l-hamiema tieghu u l-imputat wiegbu li hasibha gamiema u ppreciza li qallu "Hadt zball, hsibtha gamiema". Victor Agius ma rax lill-imputat jispara izda minnufih wara li sar it-tir u waqghet il-hamiema huwa hares u ra lill-imputat bis-senter f'idu u ppreciza li rah inizzel is-senter. Ix-xhud zied jghid li l-imputat baqa' miexi ma min kien minghajr ma mar jiccekkja ha jara x'waqqa u fejn spara. Victor Agius xehed li ma marx igib il-hamiema dakinhar stess ghaliex fejn waqat kien perikoluz biex iggibha u ried li l-imputat u hu jmorru jirraportaw l-ghassa.

**9.** Ma' Victor Agius kien hemm Daniel, maghruf ukoll bhala Dennis, Spiteri li xehed li huwa kien f'pozizzjoni li fl-istess hin li kien qieghed jara l-hamiema tigi mehlusa seta' jara wkoll lill-imputat bis-senter tieghu u waqt li l-hamiema kienet qed ittir ra lill-imputat jerfa s-senter u jispara fuqha. Dennis Spiter jgid li l-imputat qallu "mela dika taghkom". Spiteri xehed li x'aktarx li Victor Agius wasal wara li hu u l-imputat kienu gja tkellmu u kien x'hin wasal Agius li l-imputat qal il-kliem li "ghax tfixkilt u hsibtha gamiema, mohhi tatni gamiema".

**10.** L-imputat xehed li huwa mar ma' siehbu Robert Mifsud ghall-kacca fl-Ahrax tal-Mellieha. Jghid li f'hin minnhom harget tajra minn taht il-blat u qal "Ara gamiema" u taha tir u ttawwal l-isfel biex jara fejn waqghet halli jmur jigborha izda kien hemm hafna gholi u deherlu li ma kienx isibha. Dak il-hin ra zewgt irgiel jigru lejh u dawn kienu Victor Agius u Daniel jew Dennis Spiteri. Victor Agius qallu li kien spara fuq hamiema tieghu li kienet tiswa hafna flus u huwa wiegbu li kien spara fuq gamiema. Ddeskriva gamiema bhala tajra li zzigg u li spara fuq il-gamiema appena kellu c-cans jispara fuqha u ma kellux

ghalfejn joqghod jahsibha. In kontroezami huwa zied li meta harget il-gamiema huwa bhal inhasad ghaliex ma kienx qieghed jistenniha tohrog minn hemm u qal li inhasad fis-sens li qabad u spara, ma kienx qieghed jippretendiha tohrog minn hemm u dar, gharafha li kienet gamiema u sparalha. Dak il-hin ma kienx hemm tajr iehor itir. Meta ingibditlu l-attenzjoni li PS 70 Omar Caruana kien ikkonferma bil-gurament fl-affidavit tieghu li l-imputat kien qallu li ra l-hamiema titla’ quddiemu minn wara l-blat u hasditu u peress li hasibha gamiema sparalha l-imputat cahad li kien qal dak il-kliem u li kien qal lis-surgent li huwa kien spara fuq gamiema. Huwa zied jghid li x’hin hu spara fuq il-gamiema t-tir tieghu biss kien hemm dak il-hin u hu biss spara.

**11.** Robert Mifsud li kien ma’ l-imputat xehed li kienu mexjin mal-irdum u fid-daqqa u l-hin l-imputat qallu “Ara gamiema!“ u spara. Qal li kienu ilhom xi siegha jew siegha u nofs iduru u dik kienet l-ewwel okkazzjon li lill-imputat gietu biex jispara fuq tajra. Qal li sparar fil-vicin ma kienx hemm izda kien hemm sparar fil-boghod. Qal li minn mindu lemah it-tajra sakemm l-imputat spara fuqha kull ma kien hemm xi sekonda jew tnejn. Huwa ma jifhimx fil-kacca u ma jafx jiddistingwi bejn hamiema u gamiema u qal li fil-hin li l-imputat spara fuq it-tajra ma kienx hemm tajr iehor fl-inhawi.

**12.** Mill-kumpless tal-provi il-Qorti hi moralment konvinta li t-tajra li fuqha spara l-imputat u li qatel u spiccat fl-irdum kienet il-hamiema li Victor Agius kien tajjar dak il-hin u li dak il-hin sema tir, ra l-hamiema tieghu taqa’ u tispicca fl-irdum. Fil-hin li spara l-imputat ma kienx hemm sparar iehor u ma kienx hemm tajr iehor. L-unika tajra li kienet tittajjar dak il-hin setghet kienet biss il-hamiema li kien ghadu kemm heles Victor Agius u billi jirrizulta li tajra wahda waqghet dak il-hin il-Qorti hi konvinta li t-tajra li waqqa l-imputat kienet l-istess tajra, u cioe’ il-hamiema, li Victor Agius ra taqa’ mat-tir li sema’. Victor Agius u Daniel jew Dennis Spiteri donnhom jipprovaw jaghtu x’jifhem li l-imputat kien jaf li spara fuq hamiema u mhux fuq gamiema. Il-Qorti ma hix konvinta li dan kien il-kaz. Fi kwalunkwe kaz l-imputazzoni hi ta’ hsara involontarja u

mhux ta’ hsara volontarja kif kienet tkun kieku l-prosekuzzjoni kienet konvinta li l-imputat kien jaf li qieghed jispara fuq hamiema. Irrizulta li l-imputat kien ilu jdur ghal kacca xi siegha jew siegha u nofs u appena gih ic-cans li jispara fuq tajra li dehrlu li seta jispara fuqha minnufih qabad u spara fuqha minghajr ma qaghad jahsibha darbtejn biex l-ewwel jikkonferma li verament kienet gamiema u mhux xi tajra ohra li fuqha ma setax jispara. Di fatti li gara sehh f’sekonda jew tnejn. Kif xehed l-imputat stess “meta tispara fuq tajra legali trid tkun cert li hija hi“. Persuna li tkun ghal kacca ghandha qabel tispara taccerta ruha li t-tajr li fuqu tispara jkun tajr li legalment tista’ tispara fuqu u ma ghandhiex tispara qabel ma tkun accertat ruhha li dan huwa l-kaz. Ghalhekk dan l-ewwel aggravju qieghed jigi respint.

Dwar **it-tieni aggravju** fis-sens li ma saritx l-ahjar prova dwar il-valur tal-hamiema li nqatlet l-imputat ghandu ragun. L-unika prova f’dan ir-rigward kien Marco Farrugia, il-President tal-federazzjoni tat-hamiem tal-giri izda dan gie prodott *ex parte* minn Victor Agius u ma giex nominat espert mill-Qorti u ghalhekk l-istima tieghu tal-valur tal-hamiema in kwistjoni ma tistax tigi accettata. Meta si tratta ta’ stima ta’ valur ta’ oggett bhal dak hawn in kwistjoni fejn hemm element qawwi ta’ spekulazzjoni involuta li mhux necessarjament tikkorrispondi mal-valur naturali tal-oggett hi aktar impellenti li l-istima ssir minn persuna bil-garanziji necessarji ta’ indipendenza u imparzjalita’ li jista’ jipprovdi persuna esperta nominata mill-Qorti. Dan ma sarx u ghalhekk din il-Qorti ma hix ser toqghod fuq l-istima li ghamel ix-xhud imsemmi. Fin-nuqqas ta’ tali stima u fin-nuqqas ta’ provi legalment ammissibbli ohra li fuqhom tista’ tistrieh il-Qorti u peress li certament xi valur il-hamiema in kwistjoni kellha din il-Qorti, filwaqt li ser tikkonferma l-htija ser tipprovdi ghal temperament fil-piena erogata mill-ewwel Qorti sabiex tirrifletti ir-rizultanzi dwar il-valur tal-hsara.

Ghall-motivi premessi il-Qorti tilqa’ *in parte* l-appell tal-imputat appellant Paul Micallef billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha fejn sabet lill-imputat appellant hati u tbiddilha fejn kkundannatu ghall-piena ta’ multa ta’

elf euro (€1000) u minflok tikkundannah ghall-piena ta' multa ta' mitejn euro (€200).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------